SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 27-14**

Illum Il-25, ta' April 2014

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30 pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

## ASSENTI

L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 26-14 li saret nhar it-Tlieta 25, ta' Marzu 2014 ġew moqrija u approvati kif emendati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 Servizz ta' Eco Warden*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta 3.6 tal-laqgħa preċedenti staqsiet jekk il-Kunsill hux ser iżomm mas-siegħat kif ġew diskussi fil-laqgħa msemmija. Is-Sindku nforma li l-Kunsill filfatt kellu aktar siegħat disponibbli milli kien maħsub u ser ikun qed iżid is-siegħat stabbiliti skond il-bżonn.

# 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-26 ta' Marzu 2014 u l-25 ta' April 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0367-14-O – Regjun Nofsinhar – Servizz ta' *Eco-Wardens*
- 0386-14-O – Transport Malta – Triq Peprin
- 0460-14-O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ittra fl-Orizzont
- 0498-14-O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – *Live Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill
- 0512-14-O – Local Councils' Association – Cirkulari AGL Cirk 18/2014– *Social work services for older persons (60 Plus) from Local Council*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0379-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 10/2014: Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti - Ċirkularijiet
- 0461-14-I - ETC – Skema ta' xogħol fil-Kommunita'
- 0472-14-I – *Press Release – Cultural Calendar*
- 0487-14-I – Resident – Il-qtates f'Santa Luċija
- 0493-14-I – Assocjazzjoni għall-Kunsilli Lokali – Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024
- 0517-14-I - *Rural Development Department – Local Councils partecipation in* Inmarja 2014
- 0477-14-I – Santa Luċija Residents Action-Committee - Bini ta' Dar għall-Anzjani

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- **SLLC Memo 05/2014 – Bibita' fil-Ġnien Ċiniż**
- **SLLC Memo 06/2014 – Wreath-Laying Ceremony – Saturday 5 April 2014**

- MEPA – *Consultation Document – For an efficient planning System*
- *Wasteserv Bring In Sites Collection – Collaboration Agreement between Green Pak and the Santa Lucija Local Council*
- *Door to Door Collection of Recyclable Waste – Collaboration Agreement between Green Pak and the Santa Lucija Local Council*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 379-14-I, il-Kunsill qabel li jħejji biex jinħareġ mill-ġdid il-Kuntratt għal tindif ta' l-Uffiċċju biex ikun jirrifletti id-direttiva f'*Memo* 10/2014.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 461-14-I il-Kunsill gie nfurmat li l-parteċipazzjoni ta' żewġ ħaddiema ta' l-ETC fl-iskema xogħol fil-Komunita' ġiet imġedda għal sitt xhur oħra. Is-Sindku qal li għanda tintbagħt ittra lil ETC peress li l-attendenza ta' dawn il-ħaddiema mhux qed tkun regolari.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 487-14-I il-Kunsill iddiskuta e-mail mingħand resident li lmenta dwar in-numru ta' qtates li dejjem qed jiżdied bil-konsegwenza li dawn qed jikkaġunaw ħsara fil-ġonna u jdejqu lir-residenti bl-għajjat krib u ħmieġ tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-problema. Is-Sindku qal li diġa kellmuh xi nies li offrew li jgħinu lil Kunsill biex dawn il-qtates jiġu msewwija (*neutered*). Huwa qal li kull ma qed jitolbu dawn il-volontiera hu li l-Kunsill ikopri l-ispejjez involuti. Il-Kunsill qabel li jerġa jitkellem ma' dawn il-voluntiera biex jiġi stabbilit x'tinvolvi din il-proċedura.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 493-14-I is-Sindku rrefera għal-Ċirkulari AGL 27/2014 fejn il-Kunsill intalab jibgħat *feedback* dwar l-Qafas tgħall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024. Huwa qal li dan il-*feedback* irid jintbagħt sa' l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2014.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 517-14-I il-Kunsill innota *e-mail* dwar invit li qed isir lil Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw fl-Imnarja 2014. Is-Sindku ppropona li jsir *stand* informattiv dwar il-Kappella ta' Santa Luċija. Huwa qal li din l-inizjattiva tista ssir bi-kollaborazzjoni tal-kuratur ta' din il-kappella.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Sparar fil-festa ta' Maria Annunzjata f'Ħal Tarxien*

Il-Kunsill intalab jagħti l-kummenti tiegħu biex ikun jista' jintalab permess tal-puliżija biex jinħaraq nar mill-għalqa li tinsab fil-limiti ta' Santa Luċija fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li għalkemm mhux ser issir oġġeżżjoni, l-puliżija għandha tara li jsir kollox skond il-liġi.

### *4.2 ATM tal-BOV*

Is-Sindku rrefera għal applikazzjoni tal-MEPA bir-referenza PA/02068/13 li tikkonċerna proposta tal-Kunsill għall-bini ta' ATM f'Dawret it-Torri. Huwa qal li d-deċiżjoni finali tal-Mepa għadha ttitieħed fl-14 a' Mejju 2014.

### 4.3 *Publikkazzjoni ta' ktieb*

Is-Sindku qal li din is-sena l-Knisja ser tiċċelebra iċ-ċentinarju ta' San Piju X li huwa l-patrun tal-Parroċċa ta' Santa Luċija. Huwa qal li għal din l-okkazzjoni ġew imħejjija żewġ kotba wieħed għal kbar u wieħed għat-tfal dwar San Piju X. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jippubblika il-ktieb idedikat lit-tfal u jqassam kopja lit-tfal kollha ta' Santa Luċija**.** Il-Kunsill qabel ma' din l-proposta.

### 4.4 *Proposta dwar Triq Peprin*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lis-CEO ta' *Transport Malta* dwar l-istat ħażin ħafna li tinsab fih Triq Peprin. Huwa qal li fl-ittra tiegħu stqarr li din it-triq qed tistana bil-kbir ma' l-proġett ta' Gnien is-Serenita'. Huwa qal li jittama li din il-proposta tiġi milqugħa.

### 4.5 Proġett Reaction

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt l-aħħar avveniment tal-proġett Reaction ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* bejn is-sbatax il-lokalitajiet li ħadu sehem f'dan il-proġett. Huwa qal li permess ta' dan il-*memorandum* il-parteċipanti qablu li jibqu jaħdmu f'isem iċ-ċittadini tal-lokalita' tagħhom u tiżdied il-ħbiberija u l-koperazzjoni bejnithom.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV5034 sa numru BOV5038 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu 28-03-2014 sa 09-04-2014(Skeda Nru. CM27).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 26-14(25-03-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2014 Ammont *Gross* €5010.94

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---:|
| **Ricky Caruana** | **RM/PF(57-12-02)** | **18-2014** | **969.00** |
| **Owen Borg** | **SS(57-12-01)** | **Serv.Mar.14** | **1024.25** |
| **Ronald Bezzina** | **RC(57-10-01)** | **Serv.Mar.14** | **2907.00** |
| **Ronald Bezzina** | **RC(57-10-01)** | **Extra Serv.** | **300.00** |
| **ELC Ltd** | **PKG 57** | **Serv. Mar.14** | **2061.50** |
| **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | **Sgns/Mkgs** | **19214** | **257.41** |
| **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | **Sgns/Mkgs** | **13007** | **1010.53** |

## 6. FINANCIAL STATEMENTS AND PROPOSED AUDIT ADJUSTMENTS

Il-Kunsill iddiskuta l-*Audit Adjustments* li pproponew l-awdituri wara li sar awditja tas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013. Presenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sinjura Josianne Debono f'isem D-Consulta Ltd li huma l-*accountants* tal-Kunsill. Is-sinjura Debono spjegat l-*audit adjustments* li pproponew l-awdituri u qalet li wara li saru dawn l-*adjustments* is-*surplus* li kellu l-Kunsill fi tmiem din is-sena finanzjarja tegħla għal €13,665.00. Hija nfurmat ukoll li l-awdituri reġgħu rrikonoxxew l-ammont li l-Kunsill għandu jieħu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u mill-Green Mt. Il-Kunsill approva l-*financial statements* li jinkludu l-*audit adjustments* kif proposti mill-awdituri.

## 7. SEJĦA GĦALL-OFFERTI: Ref: RC(57/14/01): Ġbir ta' Skart Domestiku

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq f'nofs inhar ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' April 2014. Hija qalet li għal din is-sejħa ġew sottomessi erbgħa offerti kif ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | 1.1 | 140.00 | 140.00 | 140.00 | 140.00 | |
| | 1.2 | 130.00 | 130.00 | 130.00 | 130.00 | |
| | 1.3 | 2.00 | 2.00 | 2.00 | 2.00 | Per skip daily |
| | 1.4 | 1.50 | 1.50 | 1.50 | 1.50 | Per skip daily |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Joseph Zammit Spiridione Zammit | 1.1 | 109.87 | 109.87 | 115.36 | 115.36 | |
| | 1.2 | 87.95 | 87.95 | 92.35 | 92.35 | |
| | 1.3 | 1.00 | 1.00 | 1.00 | 1.00 | Per skip daily |
| | 1.4 | 1.00 | 1.00 | 1.00 | 1.00 | Per Skip daily |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| WM Environment | 1.1 | 104.00 | 104.00 | 104.00 | 104.00 | |
| | 1.2 | 104.00 | 104.00 | 104.00 | 104.00 | |
| | 1.3 | Free | Free | Free | Free | |
| | 1.4 | Free | Free | Free | Free | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Salvu Mifsud | 1.1 | 108.00 | 108.00 | 112.00 | 115.00 | |
| | 1.2 | 108.00 | 108.00 | 112.00 | 115.00 | |
| | 1.3 | 1.00 | 1.00 | 1.20 | 1.20 | Per skip daily |
| | 1.4 | 1.00 | 1.00 | 1.20 | 1.20 | Per Skip daily |

Il-Kunsill qabel li għandu jitħejja *adjudication report* dwar dawn l-offerti.

## 8. PROPOSTA GĦALL-BINI TA' DAR GĦALL-ANZJANI MA' L-KONFINI TA' SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-proposta ta' bini ta' Dar għall-Anzjani mal-konfini ta' Santa Luċija. Is-Sindku semma l-korrispondenza kollha li rċieva l-Kunsill fuq din il-materja. Huwa qara ittra li nbagħtet mill-żvilluppaturi ta' dan il-progett kif ukoll ittra mill-Santa Luċija *Residents Action Committee*.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li kienet ser tesprimi l-pożiżjoni tagħha dwar din il-proposta ta' żvilupp f'isem ir-residenti li tirrappreżenta u f'isem il-Partit Nazzjonalista. Hija qalet li hi mhix kontra li tinbena dar għall-anzjani għax dan il-proġett huwa bżonn iżda ma taqbilx li din għanda ssir fil-*green belt* ta' Santa Luċija u semmiet l-impatt li din jista jkollhu dan l-iżvilupp fuq ir-residenti. Hija qalet li dar għall-anzjani għanda tinbena f'post li mhux ODZ.

Is-Sindku wieġeb li hu u sħabu dan jaqblu li ma jsirux proġetti f'Wied Garnaw. Huwa qal li peress li l-Mepa estendiet l-*iscreening process* fuq din il-proposta ta' żvilupp sa t-23 ta' Lulju 2014, ser ikun hemm żmien biżżejjed biex il-Kunsill jiltaqa' mar-residenti kif ukoll mal-iżvilluppaturi ħalli jisma lil kullħadd. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill jitlob ukoll laqgħa mal-MEPA biex finalment ikun jista jesprimi l-pożizjoni tiegħu fuq din il-proposta.

Huwa tkellem kif fis-snin li għaddew il-Kunsill kien kontra li jsir razzet tat-tiġieġ f'Wied Garnaw u dan il-progett sar xorta waħda, il-Kunsill kien kontra li jinbena *Disco* u sar u l-Kunsill kien kontra li jsir progett ta' riċiklar ta' skart liema proġett ma sarx għax l-iżvilluppatur miet. Huwa qal li f'dan il-Wied inbnew ukoll garaxxijiet kbar minn fabrika tal-luminata. Huwa qal li l-Kunsill jagħmel proċess ta' konsultazzjoni u jiltaqgħa wkoll ma' min irid jispjega.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li lanqas biss trid tiftaħ il-konsultazzjoni ma' min irid jibni f'*area* ODZ.

Is-Sindku qal li għandna nsibu post biex nagħmlu konsultazzjoni mar-residenti ta' Santa Luċija. Il-Kunsilliera Galea qablet li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

Huwa kompla jgħid li l-iżvilupp propost mhuiex fil-kor tal-wied u lanqas qiegħed fil-konfini ta' Santa Luċija iżda jinsab fil-konfini ta' Ħal Luqa

Il-Kunsilliera Galea qalet li l-Kunsill ta' Ħal Luqa diġa għamel il-pożiżżjoni tiegħu fuq din il-proposta.

Is-Sindku wieġeb li kulħadd għandu l-istil tiegħu ta' kif imexxi. Huwa kompla jgħid li meta kien ġie joqgħod hu f'Santa Luċija madwaru kien kollu għelieqi u mid-dar kien jara Ħal Luqa w sa l-ajuport. Huwa ppreżenta ritratt mill-ajru ta' kif kienet il-lokalita' ta' Santa Luċija f'dak iż-żmien. Huwa qal li meta beda jitla' aktar bini ma baqgħax jara dik il-veduta iżda hu qatt ma kien oġġeżjona għax ħass li bħal ma

sab fejn joqgħod hu u l-familja tiegħu daqshekk ieħor għandu dritt ħaddiehor li jibni daru.

Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk id-decizjoni hux ser toħroġ lill-Mepa qabel il-konsultazzjoni.

Il-Vici Sindku wieġeb li nmorru quddiem il-Mepa bid-deċiżjoni tan-nies warajna. Huwa kompla jgħid li sat-23 ta' Lulju 2014 il-Kunsill ikun tkellem mar-residenti u jiddeċiedi. Huwa qal li l-firem għandhom ikunu tan-nies ta' Santa Luċija u mhux 2000 firma ta' nies li ħafna minnhom mhumiex minn Santa Luċija.

Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk il-Kunsill jirriservax id-dritt li jbiddel id-deċizjoni tiegħu.

Is-Sindku qal li huma qed jieħdu din il-pozizzjoni u mhumiex ser jgħidu xejn aktar.
Il-Kunsilliera Galea qalet li sakemm l-*area* fejn qed jiġi propost dan l-izvilupp għada ODZ il-Kunsill għandu jibqa fil-pożizzjoni tiegħu għax inkella mhux ser joħroġ b'saħtu. Hija qalet li nkella tkun qed tidħaq bil-poplu għax ma tistax tieħu *feedback* fuq zona li m'għandiex permess għal bini. Hija qalet li jekk jinbidlu l-affarijet imbaght wieħed jara.

Il-Kunsillier Camilleri staqsiha jekk tkunx qed tidħaq bil-poplu għax tikkonsultah.
Il-Kunsillier Bonello qal li l-konsultazzjoni tagħmlek aktar b'saħtek.

Is-Sindku qara l-pożizzjoni tal-membri tal-Partit Laburista u ġie deċiz li għandha toħroġ Stqarrija għall-Istampa dwar il-qagħda preżenti tal-Kunsill fuq din il-proposta ta' żvilupp.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li xtaqet tirringrazzja d-Deputat tal-Partit Nazzjonalista l-Onor. Jason Azzopardi tal-prezenza tiegħu waqt din il-laqgħa.
Is-Sindku qal li bir-rispett kollhu lejn l-Onor.Azzopardi iħoss li l-kumment tal-Kunsilliera Galea ma kienx f'waqtu għax ir-ringrazzjament kellu jmur għar-residenti kollha li attendew għal din il-laqgħa.

## 9. INAWGURAZZJONI TAL-PROĠETT TA' RINOVAZZJONI TA' ĠNIEN IS-SERENITA'

Is-Sindku nforma l-Kunsill bl-aħħar dettalji dwar iċ-ċerimonja ta' inawgurazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li d-data tad-9 ta' Mejju 2014 ġiet ikkonfermata mill-uffiċċju tal-Prim Ministru. Huwa qal li l-Prim Ministru ser ikun qed jinawgura dan il-proġett u ser jagħmel diskors ta' l-okkazzjoni. Is-Sindku qal ukoll li hu ser jiftaħ is-serata' bid-diskors tiegħu, wara isir diskors minn uffiċċjali għolja tal-IPPR u mill-Ambaxxatur Ċiniż. Is-Sindku qal ukoll li għal din l-okkażżjoni ser tipparteċipa l-Banda tal-Pulizija li ser iddoqq l-innu Malti u dak Ċiniż flimkien ma' mużika folkloristika Maltija u Ċiniża.

## 10. Xogħolijiet

### *10.1 Manutenzjoni ta' ħitan*

Is-Sindku ta' rendikont tax-xogħolijiet li għaddejjin bħalissa f'Santa Luċija. Huwa ressaq żewġ kwotazzjonijiet waħda għal manutenzjoni tal-ħajt tat-trejqa li tagħti għal Wied Garnaw fuq in-naħa ta' fejn kien hemm il-*Bring in Site* li tammonta għas-somma ta' €1090 VAT Inkluż u l-oħra tan-naħa l-oħra ta' l-istess triq li tammonta għas-somma ta' €985. Huwa qal li għal dan ix-xogħol ser jintuża l-ġebel li fadal fil-Ġnien Ċiniż biex il-ħitan jingħataw dehra rustika li tikkumplimenta l-Wied. Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet.

### *10.2 Xogħol fi Triq l-Iris u Triq Pensieri*

Is-Sindku rrefera għax-xogħol li għaddej fi Triq Pensieri u Triq l-Iris. Huwa qal li x-xogħol marbut mat-tqiegħid ta' *cable* ta' l-Enemalta issa kien lest. Huwa qal li anki l-Water Services kellhom jibdlu l-*main* ta' l-ilma li għaddej minn dawn it-toroq. Is-Sindku qal li peress li dawn huma toroq dojoq, il-wiċċ tkisser kollhu u kellu jsir *resurfacing* tal-wiċċ kollu tat-triq. Huwa qal li kien ippropona lil Transport Malta tidħol għal din l-ispiża addizjonali li din ma kienetx prevista. Il-Viċi Sindku qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex ma jħallix trinek mikxufa u nġenji mitluqin fit-triq għax dawn jistgħu jkunu ta' periklu speċjalment għat-tfal.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fid-7.00 p.m

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn 19,  ta' Mejju 2014 fis-4.30 p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ………………..,….. ta' …………….…. 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**